# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Illum l-Erbgha 7 t'Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Nicholas Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Nicholas Micallef ta' 17-il sena, mwieled il-Pieta' fit-12 ta' Ottubru, 1990 iben Joseph u Prisca nee' Gingell, residenti gewwa Tagliaferro Mansions, Flat 14, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida u detentur ta' numru tal-karta ta' l-identita' 492690M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Settembru, 2007 u matul il-hames xhur ta' qabel din id-data:

A) Ittrafika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (Ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozzizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-

Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat.

B) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

U aktar talli fit-30 ta' Settembru, 2007 u matul is-7 xhur ta' qabel din id-data:

C) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar recediv ai termini ta' l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta 29/05/07 Magistrat Dott A. Demicoli liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120 tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31) u tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija kienu qed jaghmlu xoghol ta' sorveljanza fejn l-HSBC Bank fi Triq il-Kbira, il-Mellieha. Hin minnhom waqfet vettura bi tlieta min-nies go fiha. Nizel l-imputat u tkellem ma' guvni iehor li kien qieghed faccata fi trejqa u li jismu Mitchel Buhagiar. Imbaghad l-imputat mar lura lejn il-vettura. Saret tfittxija fl-inhawi u go katusa instabu 49 pillola suspettati ecstacy u 9 pakketti bi trab abjad suspettati kokajina.
2. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien ilu circa seba' (7) xhur jabbuza mill-haxixa raza tal-cannabis.
3. Fl-istqarrija tiegu, l-imputat qal ukoll li hu kien ilu jaf lil Mitchel Buhagiar xi disa' (9) xhur u kien jixtri minghandu r-raza tal-cannabis ghalih u pilloli ghal xi hbieb li kienu jistaqsuh. B'kollox xtara xi sitt (6) darbiet raza tal-cannabis u nefaq b'kollox madwar Lm30 jew Lm40. L-imputat ammetta wkoll li xi darbtejn xtara l-pilloli ecstacy ghal shabu – b'kollox tlett (3) pilloli ecstacy. Darba xtara pillola ghal habib wiehed, u darba xtara zewg pilloli ghal habib iehor. Huwa xtara dawn il-pilloli Lm5-il wahda u bieghhom bil-Lm5-il wahda ukoll.
4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li dak in-nhar li gie arrestat tela' f'vettura ma' persuna ma jafhiex biex imur jiltaqa' ma' Mitchel Buhagiar il-Mellieha biex jixtri d-drogi ecstacy u kokajina ghal habib tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Ir-reati ta' traffikar tad-droga ecstacy, ta' pussess semplici tad-droga ecstacy u ta' pussess semplici tar-raza tal-pjanta cannabis jirrizultaw ammessi fl-istqarrija tal-imputat, li ma gietx kontestata. Ghalhekk, il-Qorti qed issibu hati ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet.

Dwar l-imputazzjoni tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni ma ezebietx is-sentenza relattiva, u ghaldaqstant din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata skond il-ligi.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li meta gara l-incident, l-imputat kellu sittax (16)-il sena.

Fil-fedina penali aggiornata tieghu ghandu zewg kundanni, wahda ta' serq mhux aggravat u l-ohra li kkaguna ferita hafifa.

L-ammont ta' pilloli ecstacy li huwa ttraffika huwa biss ta' tlieta (3) u kien ilu jabbuza mir-raza tal-pjanta cannabis seba' (7) xhur. Inoltre, ghal fini ta' piena t-tieni imputazzjoni – dik ta' pussess semplici tad-droga ecstacy - hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ta' traffikar tad-droga ecstacy, u dan bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

Ghalhekk, suggett ghal dak li se jinghad iktar l-isfel f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-opinjoni li oggettivament il-piena ta' prigunerija ghat-traffikar tad-droga ghandha tkun fil-minimu kontemplat fil-ligi, u cioe prigunerija ghal terminu ta' (6) sitt xhur prigunerija, fil-waqt li l-multa ghandha tikkomprendi l-piena ghat-traffikar tad-droga kif wkoll il-piena ghat-tielet imputazzjoni ta' pussess semplici tar-raza tal-pjanta cannabis, u ghandha tkun ta' (€750.00).

Pero, fit-trattazzjoni orali, l-Ufficcjal Prosekutur kien leali mal-Qorti u mal-imputat u ssottometta li meta wiehed jikkunsidra l-eta tal-imputat u li l-involviment tieghu fil-kaz kien biss ta' intermedjarju ta' Mitchel Buhagiar, hu kien tal-opinjoni li l-imputat m'ghandux jinghata piena karcerarja.

Huwa vera li l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat tat-traffikar tad-droga in dizamina (Artikolu 120A(7) Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan effettivament ifisser li meta persuna tinstab hatja ta' traffikar ta' droga, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija legalment tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa, u l-Qorti hija prekluza milli tinfliggi piena ta' prigunerija u multa inqas mill-minimu stabbilit bil-ligi.

Pero f'dan il-kaz, jezistu cirkostanzi partikolari li jaghtu lok ghal zewg mitigazzjonijiet fil-piena, liema mitigazzjonijiet huma kontemplati fil-ligi stess, u konsegwenza ta' dawn iz-zewg mitigazzjonijiet fil-piena, skond l-iskala tal-piena preskritta bl-Artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, il-piena se tinzel taht il-piena karcerarja, u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Fl-ewwel lok l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ta informazzjoni utli lill-Pulizija tant li fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013,[1] l-Ufficcjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ghandu jibbenifika mill-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jirreferi ghall-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101. Il-Qorti tifhem li l-imputat ghandu allura jibbenifika wkoll mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, kif qal l-Ufficcjal Prosekutur stess fit-trattazzjoni orali. Ghalhekk il-Qorti se tnaqqas il-piena ta' prigunerija b'zewg gradi u dik pekunjarja bin-nofs.

In oltre la darba l-imputat kellu sittax(16)-il sena meta gie kommess ir-reat, huwa applikabbli l-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali u l-piena tieghu ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Fil-kaz odjern, il-Qorti hi tal-opinjoni li l-piena ghandha titnaqqas bi grad.

Skont l-Artikolu 31(1) tal-Kodici Kriminali, il-piena ta' sitt xhur prigunerija qieghda fl-erbatax (14)-il grad. L-Artikolu 31(1) ma jikkontemplax inzul izjed minn wara l-hmistax (15) –il grad. Ghalhekk jekk wiehed jinzel tlett (3) gradi minn mill-erbatax (14)-il grad, ma hemmx piena, wisq inqas piena ta' prigunerija.

Rigward il-multa, din se titnaqqas bin-nofs ai termini tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 u l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk minn €750 din il-multa se tonqos ghal €375.00. Pero, din il-piena trid titnaqqas ukoll bi grad ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali. Skond l-Artikolu 31(1)(f) tal-Kodici Kriminali, l-inzul mill-piena ta' multa issir ghal pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. Fil-kaz odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ghandu jigi kkundannat ghal hlas ta' ammenda.

## Konkluzjoni

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li ssib lill-imputat mhux hati li kien recidiv u qed tilliberah minn din l-imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal ammenda ta' tmienja u hamsin Euro (€58.00), li ghandha tithallas

[1] Ara fol. 26 tal-process.

minnufih. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont, dan l-ammont ghandu jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**(ft) Magistrat**

**Vera kopja**

**Deputat Registratur**